MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 98/2002

**HLB FALZON & FALZON**

**vs**

**JOSETTE XUEREB**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Is-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta is-somma ta' Seba Mija u Tmenin Lira Maltin (Lm780), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi provduti mis-socjeta' attrici u spejjez legali, li s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas, u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv. Kuntrarjament ghal dak li gie allegat mill-rapprezentant tal-intimat (ara dok A) l-obbligi kollha tas-socjeta' attrici gew imwettqa kif jirrizulta wkoll mill-gazzetta tal-gvern hawn anness u immarkat bhala dok. B.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-atturi naqsu illi jwettqu l-inkarigu afdat f'idejhom ai termini tal-pattijiet kontrattwali stabbilit. Specifikament l-atturi naqsu illi jiehdu hsieb il-prattiki necessarji ghad-divizjoni tas-socjeta' Francis Caruana Limited fit-termini stabbiliti. Per konsegwenza ta' dan il-konvenuta sofriet danni ingenti konsistenti fit-telf ta' interessi minhabba illi l-pagament illi kellu jsir lilha mill-azzjonisti l-ohra ittawwal b'aktar minn sena. Ghaldaqstant l-esponenti ticcita favur taghha innifisha il-principju legali fondamentali *'inadimplendi non est adimplendum'* fil-waqt illi tirriserva id-dritt illi tipprocedi kontra l-atturi odjerni ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnha.

Inoltre jigi rilevat illi l-esponenti kienet, interament minghajr pregudizzju, disposta illi thallas somma ta' Lm744 a saldu tat-talba tal-atturi. Din l-offerta giet rifjutata mill-atturi, u ghaldaqstant illum giet ritirata."

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

**Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici esegwiet l-inkariku li kellha. Mhux il-kaz li l-kuntratt ma giex esegwit, ghalkemm jista' jaghti l-kaz li kien hemm dewmien fl-ezekuzzjoni tieghu, li seta' kkawza danni lill-konvenuta. Izda ma hemm l-ebda kontro-talba biex jigi ddikjarat li kien hemm tali dewmien, u konsegwentement biex jigu likwidati d-danni relattivi. Tali kontro-talba fi kwalunkwe kaz kienet tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

Ma hemmx kontestazzjoni tal-*quantum* tal-kont mahrug minnha u ghalhekk dan huwa dovut mill-konvenuta.

Jirrizulta li l-konvenuta ma gietx infurmata personalment mis-socjeta’ attrici li kienet esegwiet xoghlha. Is-socjeta’ attrici kienet tikkuntattja lid-diretturi l-ohrajn li maghhom il-konvenuta ma kellhiex relazzjonijiet tajba – tant li proprju ghalhekk is-socjeta’ attrici giet inkarigata taghmel id-divizjoni tal-kumpannija Francis Caruana (Imports) Limited - izda mhux lill-konvenuta, hlief ghall-hlasijiet. Mhux accettabbli li l-konvenuta setghet issir taf mill-MFSC; mill-gazzetta tal-Gvern, jew minn xi gurnal lokali, li x-xoghol kien gie esegwit.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ in parti t-talba tas-socjeta’ attrici billi jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta’ LM744.17c bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sal-eventwali hlas effettiv bilanc ta’ prezz ta’ servizzi pprovduti mis-socjeta’ attrici izda jikkundanna lis-socjeta’ attrici biex thallas l-ispejjez ta’ din il-kawza stante li saret intempestivament.

Jibqa’ mpregudikat kull jedd iehor ta’ azzjoni li jista’ jkollha l-konvenuta ghad-danni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------